MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2011

Citazzjoni Numru. 1222/2010

**Carmel sive Charles Tanti ID 355165 (M)**
**Vs**
**Hi-Low Properties Limited C-38094**
**u Gordon Debono ID 234574 (M)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat ppresentat mill-attur fil-25 ta' Novembru, 2010, li *in forza* taghha, wara li ppremetta :

1. Illi l-esponenti hallas bhala akkont is-somma ta' tmienja u hamsin elf u mitejn u hamsin Ewro (€58,250) u dan bhala akkont tal-prezz fuq proprjeta' ta' Flat internament numru wiehed (1) fi blokka minghajr isem f'Mista Vista, Triq il-Bajja, Marsaskala f'2007, l-akkont dak iz-zmien ta' hamsa u ghoxrin elf lira Maltin (LM25,000) liema akkont li thallas fuq konvenju lill-intimati kien skada u ma giex publikat il-kuntratt ta' l-akkwist u ghalhekk dan l-

ammont imhallas mir-rikorrenti bhala akkont kellu b'mod immedjat jigi rifuz lura lir-rikorrenti;
2. Illi bonarjament l-esponenti kien bghat ittra legali fit-8 t'April 2009 lill-intimati biex iroddu lura l-akkont imsemmi u dan bl-interessi legali mill-iskadenza tal-konvenju li sar bejn il-partijeit u allura it-30 t'Ottubru 2008;
3. Illi l-intimati baqghu inadempjenti milli jhallsu dan l-ammont u li kontra l-intimati hemm iskritti ipoteka specjali fejn l-intimati indikaw li huma debituri fl-ammont cert u likwidu favur ir-rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf Liri Maltin (LM25,000/€58,250);
4. Illi peress li dan id-debitu huwa wiehed cert, likwidu u dovut lill-attur rikorrenti huwa tal-fehma li l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet xi jressqu kontra t-talbiet tar-rikorrenti;

Talab lill-konvenuti jghidu ghaliex in vista tas-suespost din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi l-kawza skond it-talba bid-dispensa mis-smiegh a tenur ta' l-Artikolu 167 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tiddikjara lill-intimati debituri ta' l-attur fl-ammont ta' tmienja u hamsin elf u mitejn u hamsin Ewro (€58,250);
3. Tikkundanna u tornda lill-intimati jhallsu lil-attur l-ammont hekk dovut flimkien ma l-imghax legali mid-data tat-30 t'Ottubru 2008 id-data ta' meta skada l-konvenju bejn il-partijiet, sad-data tal-pagament effettiv;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti intimati li huma minn issa ingunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dokumenti ta' l-attur u l-atti kollha;

Rat li l-konvenuti, debitament notifikati fiz-zmien preskritt mill-ligi, baqghu kontumaci u fis-seduta tal-lum imsejjha tlett darbiet lanqas ma dehru;

Semghet lill-attur jiddikjara illi l-konvenuti baqghu ma hallsu xejn mill-ammont dovut lilu;

Peress li, fic-cirkostanzi, t-talbiet kif dedotti fir-rikors guramentat jidhru gustifikati u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata illum stess bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur kif dedotti fir-rikors guramentat, u hekk tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur is-somma ta' tmienja u hamsin elf u mitejn u hamsin Ewro (€58,250) dovuta kif inghad; bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------